MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 464/2012

**Josephine Vassallo**

**-vs-**

**Joseph Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fl-10 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-istanti hija proprjetarja ta' għalqa fil-limiti tas-Siġġiewi, kontrada tal-Għolja *sive* "Tar-Ross" bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, kif aħjar deskritta fil-kuntratt ta' donazzjoni tal-4 ta' Ġunju 2008, atti Nutar Dottor Philip Said;

Illi reċentement il-konvenut bla kunsens tal-attriċi, vjolentement u bil-ħabi, arbitrarjament neħħa l-parti esterna tal-ħajt tal-għalqa, neħħa l-ħamrija tal-istess,

għamel passaġġ wesa' ta' trakk u nstalla kanċell, b'mod li l-attriċi lanqas ma tista' taċċedi għall-kamra li tinsab sitwata fir-raba' tal-konvenut;

Illi dawn ix-xogħlijiet jikkostitwixxu atti spoljattivi reċenti, klandestini u vjolenti;

Jgħid għalhekk l-istess konvenut il-għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tal-attriċi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju, jerġa' jqiegħed kollox fl-istat pristinu tiegħu, okkorrendo taħt direzzjoni peritali; u

3. F'każ li jgħaddi l-istess żmien inutilment, l-attriċi tiġi awtorizzata li tagħmel hi stess ix-xogħlijiet meħtieġa, a spejjeż tal-konvenut, taħt id-direzzjoni tal-istess perit nominandi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut preżentata fit-30 ta' Lulju 2012 li permezz fejn eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-attriċi trid tipprova l-elementi kostituttivi tal-ispoll;

Illi l-konvenut ma neħħa l-ebda ħamrija mill-għalqa proprjeta' tal-attriċi, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

Illi l-konvenut ma għamel l-ebda passaġġ fl-għalqa tal-attriċi iżda għamel użu minn dritt ta' passaġġ diġa eżistenti u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

Illi l-konvenut installa l-kanċell bħala miżura ta' sigurta' għall-proprjeta' tiegħu u dik tal-attriċi u konsegwentement huwa diġa' offra ċ-ċavetta tal-imsemmi kanċell lill-attriċi li

da parti tagħha rrifjutatha u konsegwentement il-konvenut diġa’ ddeċieda li jneħħi l-imsemmi kanċell;

Illi l-konvenut fl-ebda waqt ma ċaħħad lill-attriċi mid-dritt tagħha li taċċedi għall-kamra li tinsab sitwata fir-raba’ tal-istess konvenut u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

Illi subordinatament u minghajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-konvenut, b’dak li għamel, bl-ebda mod ma fixkel lill-attriċi fil-pussess tal-għalqa tagħha u għalhekk lanqas f’dan ir-rigward ma jista’ qatt jirriżulta xi spoll;

Illi subordinatament u minghajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi; u

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Jannar 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat,

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta’ spoll. L- attriċi qed issostni li l-konvenut neħħa parti tal-ħajt tal-għalqa u neħħa l-ħamrija u anke għamel passaġġ u installa kanċell u allura għalaq għal kollox il-passaġġ għall-kamra u għalqa li għaliha għamlet riferenza fl-istess rikors. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u dawn huma:

1. il-pussess – ***possedisse;***

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta’ tal-attur – ***spoliatum fuisse****;* u

3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba u l-Qorti hawn tagħmel riferenza għar-risposta ġuramentata tiegħu a skans ta’ ripetizzjoni.

Illi l-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar il-kweżit petitorju u għalhekk ir-referenzi tal-partijiet lejn xi drittijiet ta’ passaġġ ftit li xejn huma rilevanti għaliex quddiemha l-Qorti għandha biss il-kwistjoni possessorja. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Mejju 1956 fl-ismijiet **“Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello”** l-istess Qorti qalet illi:

*“Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta’ dawn il-liġijiet fis-sens li l-azzjoni ta’ spoll hija ‘di ordine pubblico’, unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b’idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta’ aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta’ kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista’ jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat.”*

Illi f’din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi irriteniet: *“che la reintegrazione dovra’ essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell’ attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l’ attore avesse sofferto lo spoglio; sicche’ l’ indagine intormo alla legittimita’ del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio, …”.*

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x' ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi kif ukoll intqal fil-kawza **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi wieħed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġnijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna* – Appell Ġivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

Ill l-Qorti semgħet lill-attriċi u lil żewġha u m'għandha ebda dubju li l-verżjoni tagħhom hija veritjiera. Il-fatti kif esposti minnhom huma wkoll sostnuti mir-ritratti esebiti minnhom u mir-rapport peritali esebit minnhom. F'din il-kawża l-

konvenut qed jeċċepixxi li huwa għamel il-kanċell għal skop ta' sigurta'; madankollu dan mhux difiża għal din l-azzjoni li kif ġja' ngħad hija ntiża biex stat ta' fatt ma jiġix mibdul arbitrarjament minn xi ħadd li jaħseb illi għandu xi dritt. M'hemmx dubju għall-Qorti għalhekk li t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti – l-ispoll ġie kommess fil-konfront tal-pussess tal-attriċi u mhemmx lanqas dubju li l-kawża ġiet istitwita fiż-żmien preskritt mill-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi. Għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar, filwaqt li għall-fini tat-tieni u t-tielet talba l-Qorti tinnomina lil A.I.C. Robert Musumeci li għandu f'kull każ jissorvelja x-xogħol.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------